# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Jannar, 2002**

**Numru 5**

**Citaz. Nru. 662/01GV**

**Avukat Dottor Keith Bonnici bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Centro Meridionale Giocattoli srl.**

**vs**

**Lino F. Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi l-konvenut huwa debitur lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' liri Taljani LIT71,368,697 (wiehed u sebghin miljun tlett mija u tmienja u sittin elf u sitt mija u sebgha u disghin) ekwilvalenti ghal cirka hmistax il-elf u sitt mija u sebghin lira (Lm15,670) liema somma hija dovuta bhala prezz ta' merci lilu mibjugha u konsenjati.

Premess illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debltu pero' baqa' inadempjenti.

Premess liii dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attnci ghall-hlas

ta’ dan id-debitu.

L-attur nomine talab lil din il-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond lt-talba tal-istanti bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12;

2. Tikkundanna lil konvenut ihalIas lill-attur nomine s-somma ta’ Lin Taljani LIT7I,368,697 (wiehed u sebghin miljun tlett mija u tmienja u stttin elf u sitt mija u sebgha u disghin) ekwilvalenti ghal cirka hmistax il-elf u sitt mija u sebghin iira (Lm15,670) Iiema somma hija dovuta bhala prezz ta’ merci Iilu mibjugha u konsenjati.

Bl-imghax u bi-ispejjes inkluzi dawk ta’ mandat ta’ qbid kontra I-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talba tal-attur nomine kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**